Eżamijiet ta' Nofs is-Sena
Kulleġġ Maria Regina

Sena Skolastika 2015 / 2016

**Ir-Raba' Sena** | **Malti (Il-Qari u l-Kitba)** | **Il-Ħin: Siegħa u kwart**

L-isem: ______________________________

Il-klassi: ______________________________

L-iskola: ______________________________

| | **Il-Qari u l-Kitba** |
|---|---|
| **Il-marki għat-taqsima** | **60 marka** |
| **Il-marki tal-istudent/a** | |

**Għall-istudent/a:**

Aqra sew dan li ġej:

- Ikteb ismek u kunjomok, l-isem tal-klassi u tal-iskola.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn. Imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

TAQSIMA A. IL-FEHIM MILL-QARI

**Trid tiffranka u tirbaħ vjaġġ għal pajjiż fl-Ewropa?**



Mela żur il-ħwienet tal-kumpanija Riflessi, fil-Mosta, fejn issib dak kollu li għandek bżonn għad-dar, bħal magni tal-ħasil, kukers u ħafna affarijiet oħra. Nagħtu garanzija ta' ħames snin fuq il-prodotti kollha tagħna. Min jonfoq aktar minn €200 jingħata biljett f'lotterija speċjali li tista' trebbħu safra għal pajjiż fl-Ewropa. Il-koppji li jordnaw l-affarijiet kollha tal-kċina jingħataw televiżjoni b'xejn.

Ħaffu għaliex l-offerta tagħlaq fl-aħħar ta' Marzu!

**A. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-avviż li qrajt. Ikteb Malti sabiħ u tajjeb**.

1. Immarka bi ✓ taħt **veru** jew **falz**: (*3 marki*)

| | | VERU | FALZ |
|---|---|---|---|
| a. | Il-ħanut ibiegħ affarijiet rari. | | |
| b. | Il-biljett tal-lotterija jingħata lil kull min jixtri fi Frar biss. | | |
| ċ. | Il-prodotti kollha għandhom garanzija ta' ħames snin. | | |

**2. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel X fil-kaxxa tal-lemin.** *(2 marki)*

a. It-televiżjoni b'xejn jingħata lil:

| | |
|---|---|
| koppji li jixtru kuker u magna tal-ħasil. | |
| koppji li jixtru l-affarijiet kollha tal-kċina. | |
| koppji li jixtiequ jsiefru. | |

b. Bil-biljett tal-lotterija tista' tirbaħ:

| | |
|---|---|
| vjaġġ għal vaganza ta' ġimgħa. | |
| safra sabiħa fl-Ewropa. | |
| vaganza f'Euro Disney. | |

3. Taħseb li dan il-ħanut għandu offerti tajba? Għaliex? (2 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

4. Semmi tliet tipi ta' '*appliances*' li tista' ssib f'dan il-ħanut. (3 marki)

______________ ______________ ______________

B. L-ewwel oħroġ l-karta li jisimha **'Ġurnata Speċjali għal Luca u għal Elise'** li qiegħda weħidha. Aqra s-silta sewwa, imbagħad wieġeb il-mistoqsijiet li jibdew minn Paġna 4.

**1. Immarka b'salib (X) fil-kolonna t-tajba** **(5 marki)**

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| **Eżempju** | **Fl-istorja jissemmew żewġt aħwa.** | X | |
| **a.** | Il-mamà u l-papà żżewġu f'Awwissu. | | |
| **b.** | Il-mistednin waslu wara s-sitta. | | |
| **ċ.** | In-nannu Ġużi rrakkonta ħafna praspar. | | |
| **d.** | Julie kienet toqgħod Malta. | | |
| **e.** | Elise qalgħet pupa f'għeluq sninha. | | |

**2. Aqta' sing taħt il-kelma t-tajba** **(5 marki)**

**Eżempju:** Il-ġenituri għamlulhom festin (**<u>f'għeluq sninhom</u>**, għax għaddew mill-eżami, tal-karnival).

a. Il-festin sar (fil-bitħa, fis-salott, fuq il-bejt).

b. Il-papà u z-ziju Bernard qagħdu jitkellmu dwar (is-sajd, il-karozzi, il-futbol).

c. (Il-kuġini, Il-ħbieb, Il-qraba) ta' Elise u Luca poġġew bilqegħda jaraw lir-raġel jagħmel il-maġija.

d. Ir-raġel tal-maġija kien liebes ħwejjeġ (ikkuluriti, ileqqu, illustrati).

e. Pamela u Julie kienu se joqgħodu magħhom għal (ġimgħa, jumejn, tmiem il-ġimgħa).

**3. Qabbel it-tifsira. L-ewwel waħda hija eżempju.** **(4 X marka = 4 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **a.** | ħamra tgħajjat | | jittantahom |
| **b.** | serqitilhom qalbhom | | baqgħu jħarsu |
| **ċ.** | f'daqqa waħda | **a.** | ħamra skura |
| **d.** | jinkihom | | saru ħbieb tal-qalb malajr |
| **e.** | ma qalgħux għajnejhom | | ħabta u sabta |

**4. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet billi tfittex it-tweġiba fl-istorja mill-paragrafi msemmija.**

a. Il-mamà minn fejn ordnat l-ikel u l-ħelu meħtieġ? *(Par. 1)* *(marka)*

________________________________________

b. Semmi **erba'** minn nies li kienu mistiedna? *(Par. 3)* (*2 marki*)

________________________________________

________________________________________

________________________________________

c. Taħseb li l-mistednin kienu qegħdin jieħdu gost? Semmi żewġ affarijiet li juruk dan. *(Par. 3)* (*3 marki*)

________________________________________

________________________________________

## TAQSIMA B. Il-KITBA

## A. GRAMMATIKA U ORTOGRAFIJA

**1. Aqra dawn is-sentenzi u wara wieġeb il-mistoqsijiet. L-ewwel waħda lesta.**

Kien wasal il-Karnival u Sally u Ruben tgħidx kemm kienu ferħanin. Sally kienet se tilbes ta' prinċipessa sabiħa filwaqt li Ruben kien se jilbes ta' mostru kattiv. L-aktar ħaġa li jħobbu jaraw fil-Karnival huma l-karrijiet ikkuluriti li jkun hemm il-Belt Valletta. (*marka X 4*)

| | | |
|---|---|---|
| **a.** | Mis-sentenzi sib u ikteb **nom femminil**. | prinċipessa |
| **b.** | Mis-sentenzi sib u ikteb **nom fil-maskil**. | |
| **ċ.** | Mis-sentenzi sib u ikteb **nom proprju**. | |
| **d.** | Mis-sentenzi sib u ikteb **nom fil-plural**. | |
| **e.** | Mis-sentenzi sib u ikteb **aġġettiv**. | |

2. **Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:** (*marka X 6*)

| | | |
|---|---|---|
| **a.** | Daħħal l-artiklu t-tajjeb (il- / it- / t-). | Dak _____ tifel qed jibki. |
| **b.** | Daħħal l-artiklu t-tajjeb (ix-/l-i/il-). | Dik _____ xkupa tas-saħħara. |
| **ċ.** | Il-kelma li nużaw biex infissru grupp ta' pulizija. | Kien hemm ___________ pulizija fuq il-post tal-inċident. |
| **d.** | Ikteb l-Imperfett/Preżent ta' raqad. | Jien ___________ fid-disgħa. |
| **e.** | Ikteb il-Perfett/Passat ta' ħasel. | Ommi ___________ l-art. |
| **f.** | Ikteb l-Imperattiv/Kmand ta' kiteb. | ___________ poeżija. |

B. KITBA TA' REKLAM

*1.* **Ikteb reklam dwar post ta' divertiment li fetaħ ġdid għat-tfal.** *(3 marki)*

**Dawn jistgħu jgħinuk biex tikteb ir-reklam-**

- X'inhu l-**isem** ta' dan il-post ?
- **Fejn** jinsab?
- Semmi l-**attivitajiet** u l-**prezzijiet**.
- Semmi xi **offerti** speċjali.
- **X'**inhuma **l-ħinijiet** tal-ftuħ?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

2. **Uża l-immaġinazzjoni tiegħek u b'Malti sabiħ ikteb GĦAXAR SENTENZI fuq <u>WIEĦED</u> minn dawn it-titli:** *(17-il marka)*

**a. Meta intlift.**

Tista' tgħid fost ideat oħra: *Fejn kont meta intlift? Iddeskrivi kif ħassejtek. X'għamilt imbagħad? X' rajt u xi smajt? X'ġara fl-aħħar?*

**b. Li kieku kont saħħar/a.**

Tista' tgħid fost ideat oħra: *Kif iġġib ruħek? X'kont tagħmel id- dar? X'kont tagħmel l-iskola? Xi tkun l-aktar ħaġa stramba li tixtieq tagħmel?*

**ċ. Ir-raħal fejn noqgħod.**

Tista' tgħid fost ideat oħra: *Semmi r-raħal fejn toqgħod. Liema huma l-isbaħ affarjiet/ postijiet storiċi li hemm. Għaliex tħobb ir-rahal fejn toqgħod? X'jogħġbok l-aktar?*

**d. Ħares lejn dawn l-istampi. Agħti titlu lill-istorja u ikteb għaxar sentenzi biex tirrakkonta dak li ġara.**

Tista' tgħid fost ideat oħra: *Xi staġun kien u kif kien it-temp? Fejn mar it-tifel? Ma' min iltaqa'? X'ġara wara? Kif spiċċat l-istorja?*



1.



2.



3.



4.



5.



6.

**Tista' tuża dan l-ispazju biex tagħmel pjan għall-kitba tiegħek.** *(2 marki)*

**TITLU: ________ (Ikteb a, b, ċ jew d)** *(15-il marka)*

**Tmiem il-karta**